VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,350, 2 ta' Diċembru, 2014*
*Taqsima B*

**A.L. 428 tal-2014**

## ATT DWAR ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI (KAP. 376)

## Regolamenti tal-2014 li jirrevokaw Leġislazzjoni Sussidjarja li saret taħt l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu permezz tal-artikolu 12 tal-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, il-Ministru għall-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 li jirrevokaw Leġislazzjoni Sussidjarja li saret taħt l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji.

Jirrevoka leġislazzjoni sussidjarja.

**2.** (1) Il-leġislazzjoni sussidjarja msemmija fis-subregolament (2) hi b'dan revokata, mingħajr preġudizzju għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħtha.

(2) Il-leġislazzjoni sussidjarja revokata hi din li ġejja:

- l-Ordni dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji (Ħatra ta' Awtorità Kompetenti) (L.S.376.01).